MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Mandat Numru. 1868/2013/1

**Jeffrey Cilia (I.D. 468273M)**

***kontra***

**Kummissarju tal-Pulizija**

***u***

**Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fl-10 ta` Dicembru 2013, li kien konfermat bil-gurament mir-rikorrent, fejn talab din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli –

***Tkompli tipprosegwi bl-ezercizzju ta` ghazla ghall-grad ta` Supretendent tal-Pulizija u dan peress li l-esponenti ngustament ma giex ikkunsidrat ghal dana l-ezercizzju u dana peress li huwa giex mgharraf bhal spetturi tal-pulizija ohra li applikaw.***

Rat ir-ragunijiet li gab ir-rikorrent sabiex isostni t-talba tieghu.. Senjatament kienu dawn :

*Illi l-esponenti huwa spettur tal-pulizija presentement sospiz, b`dana illi ma hemm xejn legalment x`jimpedih milli jappartecipa f`tali ezercizzju ;*

*Illi jekk l-esponenti ma jithalliex jippartecipa huwa ser isofri pregudizzju f`illi ser ikun prekluz jottjeni tali posizzjoni f`dan l-istadju fl-eventwalita` u meta huwa jirritorna f`servizz shih ...*

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Dicembru 2013 fejn laqghet it-talba provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati, tathom zmien ghaxart ijiem min-notifika sabiex jipprezentaw risposta u appuntat ir-rikors ghas-smigh.

Rat li l-intimati kienu notifikati fl-10 ta` Dicembru 2013.

Rat ir-risposta tal-intimati li kienet prezentata fid-19 ta` Dicembru 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati, sostnew li t-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat kellha tkun respinta, bl-ispejjez kontra ir-rikorrent.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta` Dicembru 2013 fl-10.30 a.m. fejn instemghu l-provi u kien trattat ir-rikors.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent u tas-Supretendent tal-Pulizija Mario Spiteri fl-istess udjenza u rat id-dokumenti li kienu esebiti dakinhar.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

Rat l-atti l-ohra tal-procediment

**Ikkunsidrat :**

## II. Provi

Ir-rikorrent ghandu l-grad ta` Spettur Anzjan fil-Korp tal-Pulizija. Fix-xiehda tieghu, huwa ta dettalji tal-*employment history* tieghu fil-Korp u ta` l-*expertise* tieghu (ara Dok JC3). Kienu esebiti mill-intimati atti ohra dwar l-*employment history* tar-rikorrent (ara Dok MS1).

Fit-23 ta` Dicembru 2011, ir-rikorrent u persuna ohra tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja mixlija b`diversi akkuzi dwar fatti li kienu sehhew fit-22 ta` Dicembru 2011 (Dok MS3). Il-proceduri kriminali ghadhom pendenti.

Dakinhar stess illi r-rikorrent tressaq il-Qorti, il-Kummissarju tal-Pulizija baghtlu ittra (Dok MS2) li *inter alia* tghid hekk –

*jiena nissospendik mill-ezercizzju tas-setghat u tal-funzjonijiet tal-kariga tieghu b`effett mill-Gimgha 23 ta`*

*Dicembru 2011 sakemm il-Perim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, japprova li inti tigi interdett.*

Fis-26 ta` Dicembru 2011, il-Kummissarju tal-Pulizija kiteb hekk *inter alia* lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Dok MS5) –

*I consider that it would be in the Public Interest that Police Inspector Jeffrey Cilia be interdicted from the exercise of powers and functions of his office as the offences allegedly committed are directly related to his official duties.*

Fl-4 ta` Mejju 2012, is-Segretarju Permanenti Principali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija (Dok MS6) fejn *inter alia* qal illi –

*In terms of the Public Service Commission (Disciplinary Procedure) Regulations 1999, it has been approved on the 19 April 2012 that Police Inspector Jeffrey Cilia be interdicted from the exercise of the powers and functions of his office.*

Fis-27 ta` Novembru 2012, il-Kummissarju tal-Pulizija hareg HR/Police Circular No. 2/2012 ghall-*Post of Superintendent in the Malta Police Force in the Ministry for Home Affairs.* Eligibbli li japplikaw ghal dan il-post kienu *Senior Police Inspectors (holding three pips).* Is-Supretendent tal-Pulizija Mario Spiteri baghat din ic-cirkulari b`email tat-28 ta` Novembru 2012 lill-ufficjali fil-Korp li kienu eligibbli. Ghalkemm ir-rikorrent huwa *Senior Inspector,* u kien eligibbli, irrizulta li l-email ma nbaghtietx lir-rikorrent ukoll. Id-data tal-gheluq ta` l-applikazzjonijiet kienet il-Gimgha 21 ta` Dicembru 2012.

Fid-9 ta` Awissu 2013, il-Kummissarju tal-Pulizija hareg HR/Police Circular No. 3/2013 ghall-*Post of Superintendent in the Malta Police Force in the Ministry*

*for Home Affairs and National Security.* Eligibbli li japplikaw ghal dan il-post kienu *Public Officers in the rank of Senior Inspectors of Police (8 years serving in the Force after confirmation in the rank of Inspector).* Is-Supretendent tal-Pulizija Mario Spiteri baghat din ic-cirkulari b`email tad-9 ta` Awissu 2013 lill-ufficjali fil-Korp li kienu eligibbli. Ghalkemm ir-rikorrent kien eligibbli li japplika, irrizulta li anke din l-email ma nbaghtietx lir-rikorrent ukoll. Id-data tal-gheluq ta` l-applikazzjonijiet kienet il-Gimgha 30 ta` Awissu 2013.

Ir-rikorrent xehed illi huwa ma kienx ircieva iz-zewg cirkulari. Xehed ukoll illi ma kienx jaf bl-ewwel cirkolari u lanqas bit-tieni cirkolari u kwindi ma setax jissottometti l-applikazzjoni tieghu. Sar jaf bihom it-tnejn b`kumbinazzjoni wara li kien ghalaq iz-zmien tat-tieni cirkolari.

Fix-xiehda tieghu, is-Supretendent tal-Pulizija Mario Spiteri ghamel riferenza ghall-*Public Service Management Code* u pprezenta estratt - Dok MS4 - mahrug mill-*Public Administration HR Office* li jittratta *Suspension and Interdiction.* Ix-xhud irrefera u ssenjala bl-isfar il-paragrafu 10.3.2.9 ta` dan id-dokument, jinghad hekk –

*An officer who is under interdiction shall not have access to any official premises and shall nor remove, destroy or add to, or cause to the removed, destroyed or added to, ant official document, instrument or matter.*

Fix-xiehda tieghu, is-Supt. Spiteri ikkonferma illi in forza ta` dik id-disposizzjoni, mid-data tas-sospensjoni tar-rikorrent, l-email tar-rikorrent giet sospiza u ghax ma kellux ikollu access, ma kienx infurmat bic-cirkulari. Xejn ma kien jippreskludi lir-rikorrent milli japplika jekk isir jaf bic-cirkulari b`xi mod iehor u l-applikazzjoni kienet issegwi l-procedura stabbilita mir-regolamenti.

Ir-rikorrent baghat protest gudizzjarju. In segwitu pprezenta r-rikors tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

Skond l-**<u>Art.873(1)</u>** tal-Kap.12 –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**<u>Art.873(2)</u>** tal-Kap.12 –

*Il-Qorti **<u>m'ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mill-Art.873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa : fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **<u>Grech pro et noe vs Manfre`</u>** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... ***<u>huwa rekwizit oggettiv</u>*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Hemm imbaghad l-**<u>Art.873(3)</u>** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, bhal fil-kaz tal-lum, anke wiehed mill-intimati jkun l-Gvern, b'**<u>zieda</u>** ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art.873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` (a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u (b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Riferibbilment ghall-element tal-*pregudizzju* meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u <u>mhux</u> alternattivi.  Li allura jfisser illi jekk xi

wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta’ l-Mandat.

**Kif diga` kellha okkazjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta’ l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista’ jew m’ghandu jippretendi li mad-“*daqqa t’ghajn*” ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta’ Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta’ din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta’ Inibizzjoni. Il-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.**

**Ikkunsidrat :**

## IV. Risultanzi

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi fil-kuntest tal-Art 873(3) tal-Kap 12 waqt l-udjenza tas-27 ta` Dicembru 2013, il-Qorti kellha konferma bil-miftuh mir-rapprezentant legali tal-intimati illi li kieku ma kienx ghad-digriet ta` din il-Qorti

tal-10 ta` Dicembru 2013 fejn laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija kien se jissokta bl-ezercizzju tal-ghazla ghall-grad ta` Supretendent tal-Pulizija. **Kien ghalhekk sodisfatt dan ir-rekwizit partikolari li huwa nkorporat fl-Art 873(3) tal-Kap 12**.

Fil-procediment tal-lum, l-Avukat Generali (mhux il-Kumissarju tal-Pulizija) ressaq l-eccezzjoni illi mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrent. L-**Art 181B(1) tal-Kap 12** huwa car fis-sens illi jistabilixxi li fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji (inkluz procediment ta` din ix-xorta) il-Gvern ghandu jkun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Imbaghad is-**subartikolu (2)** ighid illi *l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.* Il-Qorti hija tal-fehma illi tenut kont tal-parametri tal-istanza promossa mir-rikorrent l-eccezzjoni hija fondata, ghaliex ma kienx hemm htiega li l-Avukat Generali jkun involut bhala parti anke ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju. Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` l-eccezzjoni tal-Avukat Generali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-kontestazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija (kif tohrog bl-aktar mod car mis-sottomissjonijiet li saru mid-difensur tieghu fl-istadju tat-trattazzjoni finali) kontra l-pretensjoni tar-rikorrent li ghandu jedd *prima facie* biex jintavola dan il-procediment hija li r-rikorrent ghazel it-triq tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat meta jaf li l-procediment huwa ta` natura eccezzjonali u ghad-disposizzjoni kellu r-rimedju li jaghmel petizzjoni lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skond kif previst mill-**Art 17 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Avviz Legali 32 tal-1960 kif emendat)**.

Il-Qorti qieset b`reqqa dan l-Avviz Legali u sejra tirriproduci fl-intier taghha d-disposizzjoni citata mill-Kummissarju tal-Pulizija. Taqra hekk –

*Fil-hatra u promozzjoni ta' ufficjali pubblici ghal postijiet jew pozizzjonijiet li ghalihom is-setgha li jahtar jew li jaghti promozzjoni ma tkunx giet delegata permezz ta' Strument ta' Delega taht artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni mill-Prim Ministru, il-procedura li gejja ghandha tigi segwita :*

*(a) Meta jkun hemm vakanza f'dipartiment u l-kap tad-dipartiment iqis li ghandhom jissejhu applikazzjonijiet biex timtela l-vakanza, huwa ghandu jiehu azzjoni xierqa biex jistieden applikazzjonijiet minn ufficjali pubblici, jew minn ufficjali pubblici u oh rajn, skont il-kaz.*

*(b) Jekk, fil-fehma tal-kap tad-dipartiment, huwa improbabbli li jinstab kandidat kwalifikat biex jimla l-vakanza, huwa ghandu jaghmel arrangamenti ghat-tahrig li jwassal ghall-akkwist tal-kompetenza mehtiega.*

*(c) Il-kap tad-dipartiment ghandu jizgura li kull sejha ghall-applikazzjonijiet mahruga mid-dipartiment tieghu tkun konformi mal-ligijiet applikabbli, u ma' kwalunkwe dispozizzjonijiet ohra applikabbli li jirregolaw l-eligibbiltà ghall-post vakanti ; u fil-hrug ta' dawn is-sejhiet ghall-applikazzjonijiet, il-kap tad-dipartiment ghandu jagixxi skont dawk id-direttivi u linji gwida mahruga mill-Kummissjoni u kwalunkwe direttivi u linji gwida rilevanti mahruga mis-Segretarju Permanenti Ewlieni bi ftehim mal-Kummissjoni skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.*

***(d) Il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva taghha stess, jew wara petizzjonijiet jew rapprezentazzjonijiet <u>mill-applikanti</u>, jew wara sottomissjonijiet formali mis-Segretarju Permanenti Ewlieni li d-direttivi u linji gwida rilevanti mhumiex qed jigu osservati, tinvestiga kull process ta` ghazla.***

*(e) Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm ksur tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew xi direttivi u linji gwida applikabbli, jew fejn il- Kummissjoni ssib li process tal-ghazla ma sarx skont il-principju tal-mertu, tista' tiehu tali azzjoni kif jidhrilha li hu xieraq bhala rimedju, inkluz :*

*(i) is-sospensjoni jew terminazzjoni ta' process tal-ghazla ;*

*(ii) l-ikkancellar ta` sejha ghall-applikazzjonijiet, u l-pubblikazzjoni sussegwenti ta' sejha riveduta b'dawk l-emendi li l-Kummissjoni tista' tiddeciedi ;*

*(iii) l-annullament ta' rizultat tal-ghazla ;*

*(iv) il-hrug ta' rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru ghar-revoka ta' hatra, suggett ghar-regolament 23(2), u*

*(v) il-hrug ta' rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru jew lil awtoritajiet ohra kif xieraq, biex jittiehdu passi dixxiplinari jew kriminali kif jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi.*

*(f) Vakanzi fi, u li jappartjenu ghas-servizz generali ghandhom ikunu rreklamati :*

*(i) mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, jew*

*(ii) minn Segretarju Permanenti ie]or fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li jista' jinghata nkarigu ghal dan il-ghan mis-Segretarju Permanenti Ewlieni,*

*jew*

*(iii) fejn Ministru jkun gie assenjat responsabbiltà ghall-Amministrazzjoni Pubblika, is-Segretarju Permanenti ta' dak il-Ministeru ;*

*u s-Segretarju Permanenti Ewlieni jew Segretarju Permanenti, skont kif ikun il-kaz, ghandu jitqies b]ala l-kap*

*tad-dipartiment ghall-iskop tal-procedura preskritta f'dan ir-regolament.*

(enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti)

Minn qari akkurat ta` din id-disposizzjoni fl-assjem taghha, u tal-paragrafu (d) in partikolari, huwa evidenti illi sabiex ir-rikorrent seta` jressaq petizzjoni – kif l-intimat Kummissarju tal-Pulizija qieghed jippretendi li kellu jaghmel – ir-rikorrent kellu jkun *applikant*. U jirrizulta illi applikant r-rikorrent ma kien qatt ghaliex ma ssottomettiex applikazzjoni billi ma kienx infurmat – bhal ma kienu infurmati ufficjali ohra fil-Korp fl-istess grad bhal tieghu – illi seta` japplika ghall-grad ta` Supretendent kemm skond l-ewwel sejha kif ukoll skond it-tieni sejha. Li kieku r-rikorrent ressaq petizzjoni – kif l-intimat Kummissarju tal-Pulizija qieghed jippretendi li kellu jaghmel – din il-Qorti hija tal-fehma illi ma kienx ikollu *locus standi* ghaliex ma kienx jikkwalika bhala *applikant* biex ifittex dak ir-rimedju. Il-*bottom line* ta` dan kollu huwa li fil-kaz tar-rikorrent, ir-rimedju kostitwit mit-talba ghall-hrug tal-Mandat kien l-uniku ghad-disposizzjoni tieghu.

Dan stabbilit u accertat, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi r-rikorrent ghandu jedd *prima facie* li jintavola dan il-procediment ghaliex ladarba r-rikorrent baqa` Spettur Anzjan u ladarba l-*interdizzjoni* tieghu pendenti l-esitu tal-proceduri kriminali ma kienet bl-ebda mod tipprekludieh – kif del resto irrizulta – milli japplika ghall-post ta` Supretendent, kellu kull dritt ikun infurmat – b`email jew bi kwalunkwe komunikazzjoni ohra – biz-zewg cirkulari. Il-Qorti tghid ukoll illi d-disposizzjoni 10.3.2.9 tal-*Code* citata mir-rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija ma tghidx dak li d-dirigenti tal-Korp qeghdin jifhmu huma illi tghid u kwindi l-Kummissarju tal-Pulizija – almenu abbazi tal-evidenza li ngiebet a konjizzjoni ta` din il-Qorti – ma kellu l-ebda jedd jissospendi s-servizz tal-email tar-rikorrent, u addirittura jcahhdu mit-taghrif li rrizulta b`mod in kontestat illi m`inghatax u li nghata lil ufficjali fl-istess grad bhal dak tar-rikorrent.

**Il-Qorti hija ghalhekk <u>sodisfatta</u> li jissussisti r-rekwizit tad-dritt *prima facie*.**

Dwar l-ahhar element, u cioe` dak tal-*isproporzjon tal-pregudizzju* – li ghaliha l-Qorti diga` accennat – jigi rilevat illi kienet x`kienet ir-raguni ghala l-ewwel cirkolari ma wasslitx ghall-hatra jew hatriet illi kienet qeghda tipprefigi, jibqa` l-fatt illi dik l-ewwel cirkolari kienet superata b`decizjoni amministrattiva kostitwita mit-tieni cirkolari, u dan wara trapass ta` xhur. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-*modus operandi* jincidi notevolment fuq il-fattur tal-pregudizzju. Bil-fatt illi r-rikorrent kien trattat diversament minn ufficjali fl-istess grad tieghu fiz-zewg sejhiet, irrisolva ruhu fil-konsegwenza li ma nghatax l-opportunita` li japplika. Li kieku applika ma jfissirx li kien sejjer jintghazel. Fl-istess waqt pero` il-fatt illi kien trattat diversament, fatt li qatt ma kellu jkun, spicca ma applikax u kwindi kien hemm pregudizzju.

Hija l-fehma tal-Qorti illi **<u>fil-fattispeci partikolari tal-kaz taht ezami</u>**, l-isproporzjon tal-pregudizzju jpendi sewwa favur ir-rikorrent ghaliex jekk min-naha wahda l-intimat Kummissarju tal-Pulizija – ghal raguni jew ghal ohra – sab tarf tad-dewmien fl-ghoti tal-hatriet bl-ewwel u bit-tieni cirkulari, fil-kaz tar-rikorrent il-fatt li ma applikax – anke jekk ma kellux garanzija ta` ghazla izda kien ikollu biss potenzjal ta` ghazla – tittraduci ruhha fi pregudizzju superjuri mhux daqstant ta` telf finanzjarju izda ta` telf ta` anzjanita` fil-Korp u aktar minn hekk fil-possibilita` mhux daqstant remota jew ipotetika illi jitlef ic-cans li jerga` jikkwalifika ghal sejha ohra fil-grad ta` Supretendent.

**L-ahhar rekwizit <u>jirrizulta</u> wkoll.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda –**

**Fl-ewwel lok, tilqa` l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali u tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghar-rikorrent.**

**Fit-tieni lok, tilqa` t-talba tar-rikorrent kontra l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni skond kif mitlub fir-rikors, spejjez ghall-intimat Kummissarju tal-Pulizija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------